**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**Rikors nru: 240/2020 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB , datat** 31 ta' Lulju 2020, fejn ppermettiet u pprezentat is-segwenti;

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat zzewwgu fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Gesu' Valletta, go Malta, nhar is- 27 ta' Marzu 2005, u dana skont l-anness certifikat taz-zwieg mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;
3. Illi r-rikorrenti u l-intimat ilhom ma jghixu prezentament minn xulxin mis-sena 2014. U sussegwentament isseparaw minn xulxin b' mod ufficcjali u

legali permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Katrin Bartolo datat 10 ta’ Awwissu 2016 liema kopja awtentikata tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

4. Illi llum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett li r-rikorrenti u l-intimat jirrikonciljaw stante li ilhom jghixu separatment ghal dal-ahhar sitt snin. In oltre’ illum il-gurnata ghandhom hajja separata minn xulxin u addirittura hemm rabtiet ohajn ma’ terzi persuni;
5. Illi r-rikorrenti u l-intimat irrinunzjaw mid-dritt ta’ kwalunkwe manteniment reciproku a favur ta’ xulxin;
6. Illi r-rikorrenti tixtieq tiddivorzja u taqbel li z-zwieg ghandu jigi mahlul ;
7. Illi dal-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8. Illi r-rikorrenti qed titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta’ bejn AB u CD u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-artikoli 66 A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-diretutr tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament regsitrat fir-Registru Pubbliku, dan ahat kull provvediment iehor li jidhirlha xieraq u opportun.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 24 ta’ Settembru 2020, deher il-konvenut illi ddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghat-talba.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li r-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti skond il-ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**